MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-27 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 455/2011

**Bank of Valletta p.l.c. (C2833)**

**vs**

**E.P.S. Limited (C14136), Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago, Maria Dolores Grech u Alexia Camenzuli**

Il-Qorti

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur Bank of Valletta p.l.c. fejn gie premess:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'sitt kuntratti, wiehed minnhom datat 16 ta' Awwissu 1995 in atti Nutar Dottor Mario Bugeja (Dok "A"), iehor datat 3 ta' Mejju 2000 in atti Nutar Dottor Marco Burlo' (Dok "B"), tnejn

datati 26 ta' Jannar 2005 in atti tan- Nutar Dottor Andre Farrugia (Dok "C" u Dok "D") u tnejn ohra datati 22 ta' Novembru 2007 in atti Nutar Dottor Jean Paul Farrugia (Dok "E" u Dok "F"), kif ukoll fl-iskrittura privata datata 10 ta' Awwissu 2006 (Dok "G"), il-bank attur ikkonceda facilitajiet bankarji lis-socjeta' konvenuta E.P.S. Limited.

Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' E.P.S. Limtied fis-somma ta' hames mija u tlieta u hamsin elf, mija u tlieta u erbghin Ewro u tlieta u hamsin centezmu (€553,143,53) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan u Overdraft Accounts"* tas-socjeta' E.P.S. Limited mal-bank of Valletta p.l.c. (Dok "H1 sa H6", "I1 sa I14", "J1 sa J4", "K1 sa K3" u "L1 sa L3") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-10 ta' Marzu 2011 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Illi permezz ta' sitt kuntratti, wiehed minnhom datat 16 ta' Awwissu 1995, in atti Nutar Dottor Mario Bugeja (Dok "A"), iehor datat 3 ta' Mejju 2000, in atti Nutar Dottor Marco Burlo' Burlo' (Dok "B"), tnejn datati 26 ta' Jannar 2005, in atti Nutar Dottor Andre Farrugia (Dok "C" u Dok "D") u tnejn datati 22 ta' Novembru 2007, in atti Nutar Dottor Jean Paul Farrugia (Dok "E" u Dok "F") kif ukoll permezz ta' hames skritturi privati datati 11 ta' Mejju 2000 (Dok "M"), 5 ta' April 2005 (Dok "N"), 27 ta' Gunju 2006 (Dok "O"), 14 ta' Gunju 2007 (Dok "P") u 5 ta' Settembru 2008 (Dok "Q"), il-konvenuti Christopher U Maria Carla mizzewgin Drago ggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' konvenuta E.P.S. Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' E.P.S. Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz ta' erba' kuntratti, tnejn minnhom datati 26 ta' Jannar 2005, in atti Nutar Dottor Andre Farrugia (Dok "C" u Dok "D") u tnejn ohra datati 22 ta' Novembru 2007, in atti Nutar Dottor Jean Paul Farrugia (Dok "E" u Dok "F"), il-konvenuta Maria Dolores Grech iggarantiet flimkien u *"in*

*solidum"* mas-socjeta' E.P.S. Limtied ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' E.P.S. Limtied mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi permezz ta' erba' kuntratti, tnejn minnhom datati 26 ta' Jannar 2005, in atti Nutar Dottor Andre Farrugia (Dok "C" u Dok "D") u tnejn ohra datati 22 ta' Novembru 2007, in atti Nutar Dottor Jean Paul Farrugia (Dok "E" u Dok "F"), il-konvenuta Alexia Camenzuli iggarantiet flimkien u *"in solidum"* mas-socjeta' E.P.S. Limtied ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c. id-debiti ta' l-istess socjeta' E.P.S. Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti "A", "B", "C", "D", "E", "F", "G", "M", "N", "O", "P", "Q"), partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' E.P.S. Limited, Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago, Maria Dolores Grech u Alexia Camenzuli, naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lill-bank attur kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi u kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi u/jew hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess konvenuti socjeta' E.P.S. Limited, Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago, Maria Dolores Grech u Alexia Camenzuli, liema bidlier jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

Ili l-konvenuti gew interpellati permezz ta' erba' ittri ufficjali datati, tleta minnhom 25 ta' Awwissu 2009 (Dok "R", Dok "S" u Dok "T") u ohra 1 ta' Frar 2010 (Dok "U"), sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghalhekk il-bank attur qed jitlob li jigi dikjarat u deciz li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u ezibiti bhala

Dokumenti “A”, “B”, “C”, “D”, “E”, “F”, “G”, “M”, “N”, “O”, “P”, “Q”) , partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ E.P.S. Limited, Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago, Maria Dolores Grech u Alexia Camenzuli,(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ attrici kif stipulati fl-imsemmija kuntratti u skritturi, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess socjeta’ E.P.S. Limited, Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago, Maria Dolores Grech u Alexia Camenzuli li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici, u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici flimkien u “in solidum” bejniethom is-somma ta’ hames mija u tlieta u hamsin elf, mija u tlieta u erbghin euro u tlieta u hamsin centezmu (€553,143.53) bilanc ghad-debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” tas-socjeta’ E.P.S. Limited mal-Bank of Valletta p.l.c (Dok “H1 sa H6”, “I1 saI4”, “J1 sa J4”, “K1 sa K3” u “L1 sa L3”) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-10 ta’ Marzu 2011 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tat-tlett ittri ufficjali datati 25 ta’ Awwissu 2009 (Dok “R”, Dok “S” u Dok “T”) u tal-ittra ufficjali ta’ Frar 2010 (Dok “U”) kontra l-konvenuti li gew ukoll ingunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jidhru u naqsu ukoll li jippresentaw l-eccezzjonijiet taghhom u ghalhekk ghadhom jitqiesu liu huma kontumaci ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Semghat lix-xhud prodott mill-bank attur.

Mill-provi kollha prodotti t-talbiet kollha tal-bank attur jirrizultaw suffuicjentement ippruvati u konsegwentement l-istess talbiet jimmeritaw li jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa it-talbiet kollha talk-bank attur u tiddikjara li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet

imsemmija fil-kuntratti u fl-iskritturi privati fuq imsemmija u ezibiti bhala Dokumenti “A”, “B”, “C”, “D”, “E”, “F”, “G”, “M”, “N”, “O”, “P” u “Q” b’mod partikolari l-konvenuti E.P.S. Limited, Christopher u Maria Carla mizzewgin Drago, Maria Dolores Grech u Alexia Camenzuli naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lill-bank attur attrici kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi, u inoltre kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u ukoll sehhew bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess konvenuti liema bidliet jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lill-bank attur u konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-bank attur flimkien u “in solidum” bejniethom is-somma ta’ hames mija u tlieta u hamsin elf, mija u tlieta u erbghin euro u tlieta u hamsin centezmu (€553,143.53) bilanc ta’ debitu fil-“Loan u Overdraft Accounts” tas-socjeta’ konvenuta E.P.S. Limited mal-Bank attur (Dok “H1 sa H6”, “I1 saI4”, “J1 sa J4”, “K1 sa K3” u “L1 sa L3”) u dana bl-imghaxxijiet ulterjuri kollha legali mill-10 ta’ Marzu 2011 sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kollha jithallsu mill-konvenuti “in solidum” bejnithom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------